TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT 175/18/B

Maria Rosaria Spiteri
Vs
Portelli & Brincat Ltd

Illum, 15 t' April, 2019

It-Tribunal:

Ra l-avviz tar-rikorrenti ipprezentat fid-09 Novembru 2018 li permezz tieghu talbet rifuzjoni tal-prezz mhallas fl-ammont ta' mitt Euro (€100) rapprezentanti depozitu ghal zewg (2) roller blinds li baqghu ma gewx installati mis-socjeta' intimata

Ra illi l-s-socjeta' intimata baqghet ma ntavolatx risposta bil-miktub ghal din it-talba u rapprezentanti taghha baqghu ma attendewx ghas-seduti quddiem it-Tribunal minkejja illi gew debitament notifikati;

Ra l-Atti tal-process;

Semgha ix-xhieda;

Ra d-Dokumenti esebiti;

Ikkunsidra:

Illi fl-avviz mressaq quddiem dan it-Tribunal r-rikorrenti indikat illi hija ghamlet ordni ghal zewg (2) roller blinds mas-socjeta' intimata. Illi hija giet infurmata mis-sales person illi hija kellha tistenna madwar sitt (6) gimghat u wara li rapprezentanti tas-socjeta' intimata hadu l-kejl fuq il-post, hija ntalbet thallas id-depozitu fl-ammont ta' mitt Euro (€100). Illi wara li ghaddew xahrejn ir-rikorrenti pruvat taghmel kuntatt mas-socjeta' intimata li infurmawha illi d-drapp maghzul fl-ordni kien *out of stock*. Illi l-partijiet qablu illi jigi nstallat drapp blu flok drapp kulur id-deheb (kif kienet l-ordni) sakemm l-istess drapp ordnat jerga' jkun *in stock*. Minkejja illi l-partijiet ftehmu data ghall-installazzjoni s-socjeta' intimata naqset milli taghmel dan minghajr ma tat raguni.

Illi t-Tribunal jikkunsidra opportun illi qabel xejn jaghmel referenza ghal Ligi Sussidjara 378.01 'Regoli Dwar It-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumaturi' u ghar-Regola 4.1 u 4.2 li taqra:

> *"4.1. L-intimat ghandu tmintax-il jum biex iwiegeb ghal talba li jibdew ghaddejjin mill-jum meta huwa jigi notifikat bl-Avviz tat- Talba. Jekk l-intimat jonqos milli jwiegeb, ir-rikorrent jista', skond ir-regola 6, jirrikorri lejn it-Tribunal sabiex tinhareg ordni ta' inadempjenza kontra l-intimat.*
>
> *4.2. Meta jkun qed iwiegeb l-intimat g]andu jimla Risposta ghal Talba (Formola 2) skond id-direzzjonijiet moghtija fuq il-formola. Ir-Risposta ghal Talba mbaghad tigi prezentata fir-Registru tat-Tribunal fejn ikun gie l-ewwel prezentat l-Avviz tat-Talba."*

Illi t-Tribunal jikkunsidra illi s-socjeta' intimata naqset milli tipprezenta r-Risposta bil-miktub taghha minkejja illi hija giet debitament notifikata, kif ukoll naqset milli tattendi ghas-seduti quddiem dan it-Tribunal u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ma gietx kontestata.

Illi meta r-rikorrenti xehdet quddiem dan it-Tribunal hija kkonfermat bil-gurament il-fatti dikjarati fl-avviz kif ukoll ikkonfermat illi r-roller blinds ordnati baqghu ma gewx installati mis-socjeta' intmata.

Illi dan it-Tribunal wara li sema' l-provi kollha u ra d-dokumenti kollha esebiti ma ghandhux dubju illi l-verzjoni tar-rikorrenti hija verosimili u ghalhekk haqqa tigi milqugha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jaqta u jiddeciedi dan l-avviz, ghar-ragunijiet fuq spjegati, billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitt Euro (€100).

Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri kontra s-socjeta' intimata.

Avv. Paul Borg
Arbitru